# MINUTI

## Laqgħa tal-Kunsill Lokali ta' l-Għasri

## It-Tmien Leġislatura

## Laqgħa Nru. 28

Il-Ġimgħa 24 ta' Settembru 2021

Il-Kunsill Lokali ta' l-Għasri ltaqa' fl-Uffiċċju Amministrattiv tiegħu li jinsab fl-indirizz Nru 6, Triq Dun Karm Caruana, GSR 1021, L-Għasri, Għawdex, Malta, fis-7:00 ta' filgħaxija.

Preżenti:

| | |
|---|---|
| Dr. Daniel Attard | - Sindku |
| Is-Sur Emmanuel Mintoff | - Viċi Sindku |
| Is-Sinjura Elizabeth Mintoff | - Kunsilliera |
| Is-Sur Salvatore Felice Pace | - Kunsillier |
| Is-Sur Sammy Saliba | - Kunsillier |

Assenti b'Apoloġija (skont Ordni Permanenti 14A (3)):

n/a

Assenti:

n/a

Uffiċjal Preżenti:

| | |
|---|---|
| Is-Sinjura Rita Mifsud Attard | - Segretarju Eżekuttiv |

# Minuti

**24 ta' Settembru 2021**

Is-Sindku Dr. Daniel Attard ippresjeda l-laqgħa.

## 28.1 Qari ta' l-ittri ta' apoloġiji;

**28.1.01** n/a

## 28.2 Kunsiderazzjoni u approvazzjoni tal-Minuti 8-27.

**28.2.01** Il-minuti tal-Laqgħa Numru 27 ġew ċirkulati minn qabel u għalhekk ittieħdu bħala moqrija, dawn ġew approvati unanimament.

## 28.3 Komunikazzjoni mis-Sindku u Korrispondenza.

**28.3.01** Korrispondenza mingħand id-Dipartiment tal-Artijiet dwar bdil ta' użu ta' waħda mill-latrini pubbliċi għal-berġa u *area* ta' *storage*. Sabiex saret din it-talba l-Kunsill inkariga perit biex jagħmel il-pjanti neċessarji (eżistenti kif ukoll proposti). Din it-talba għadha pendenti.

**28.3.02** Ċirkulari Numru SPI/SCI/6/2021 – Espressjoni ta' Interess – Finanzjament Milied 2021. Il-Kunsill ser japplika għat-tizjin u attivitajiet imsemmija hawn taħt fi paragrafu 28.6.

**28.3.03** Emejl mingħand Transport Malta dwar permessi maħruġa mill-Kunsilli Lokali skont L.S. 441.04 Fil-jiem ta' l-iskola ma jistawx jinħarġu permessi bejn is-6:00 u d-9.30 ta' filgħodu fil-viċinanzi tal-iskejjel, jew f'toroq li huma magħrufa għal konġestjoni tat-traffiku.

**28.3.04** Korrispondenza mingħand Green MT u d-Direttur Ġenerali tad-Diviżjoni tal-Gvern Lokali dwar pagamenti għal kollezzjoni ta' skart imħallat (kkontaminat). Filwaqt li Green MT qed jitlob ħlas għal ġbir ta' skart imħallat li jkun hemm fil-borza griża, id-DG qal li l-Kunsill m'għandu l-ebda obbligu li jħallas għal dan l-iskart u li l-iskema trid timxi mal-obbligi kuntrattwali tagħha.

**28.3.05** Emejl mingħand il-LESA dwar proġetti fil-komunitajiet (Proġetti 2022). Il-Kunsill kien applika fis-sena 2021 għal Trasport Alternattiv u Iktar Nadif. Din iżda ma kienitx ġiet aċċettata minħabba l-ammont ta' applikazzjonijiet. Il-Kunsill għandu jerġa japplika.

**28.3.06** Il-Kunsill ġie mitlub sabiex jagħti l-permess tiegħu biex isiru arbli tad-dawl fi Triq il-Qadima peress li fil-preżent il-wajers qed jgħaddu minn ġo għelieqi privati. Il-Kunsill ma jsibx oġġezzjoni bil-kundizzjoni li ma jidħolx fi spejjeż.

**28.3.07** Emejl mingħand ir-Reġjun Għawdex dwar Għeluq ta' toroq waqt id-dħul u l-ħruġ tal-istudenti mill-iskejjel. Peress li fl-Għasri m'hawmx skola pubblika l-Kunsill ma ħax sehem f'din il-kwistjoni.

**28.3.08** Emejl mingħand Paul Gatt (ANSEK) dwar Stedina - Kungress UDITE -Metz 15-16 ta' Ottubru 2021.

**28.3.09** Ċirkulari 7/2021 Emendi legali fil-leġislazzjoni tal-Gvern Lokali – Ċir AKL/2021/037 *Group Life Policy* – Membri Eletti.

**28.3.10** Ċirkulari AKL 2021/095 MoU iffirmat bejn l-AKL u d-Dipartiment tax-Xogħlijiet Pubbliċi.

**28.3.11** Ċirkulari 6/2021 – Elezzjoni tal-Kumitat Eżekuttiv tal-Assoċjazzjoni tal-Kunsilli Lokali – 9 ta' Ottubru 2021.

**28.3.12** Rapport mill-*Contract Manager* tal-ġimgħat 31-34.

**28.3.13** Ċirkulari AKL 2021/091 Ħaddiema RSSL u CWSEF. Inġibdet l-attenzjoni li hemm ħaddiema li mhumiex jagħmlu l-ħin tax-xogħol tagħhom.

**28.3.14** Ċir AKL 2021/093 *Covenant of Mayors for Climate and Energy*. Webinar nhar is-7 ta' Ottubru.

**28.3.15** Ċir AKL 2021/92 ĠEMMA sessjoni informattiva għall-Kunsilli Reġjonali/Lokali.

**23.3.16** Applikazzjoni kif kienet approvata fil-laqgħa tal-Kunsill ta' Ġunju 2021 biex il-Kunsill japplika għall-finanzjament ta' proġetti Skema Reġjonali – Libreriji fil-Lokalita' 2021. Il-Kunsill applika għal akar xkaffar, imwejjed u siġġijiet għall-librerija. Din l-applikazzjoni reġgħet ġiet approvata.

## 28.4 Tweġibiet għall-Mistoqsijiet tal-Kunsillieri;

**28.4.01** Il-Kunsillier Salvatore Felice Pace qal li nxtered xi konkos fi Triq Dun Karm Caruana minn xi kuntrattur.

**28.4.02** Is-Sindku ssuġġerixxa li t-talba biex jiġu nstallati *bollards* quddiem blokka *flats* li nbniet riċentament għandha tiġi aċċettata peress li hemm kisra f'din il-parti tat-triq. Il-Kunsill għandu jitlob awtorizazzjoni mingħand it-Transport Malta kif wkoll kjarifika jekk dawn jiġu approvati għandomx jeħlu fuq il-bankina jew taħt il-bankina.

**28.4.03** Il-Kunsillier Sammy Saliba qal li hu tkellem mal-President tal-Assoċjazzjoni tal-Kunsilli Lokali, is-Sur Mario Fava dwar it-talba tal-kunsill għal devoluzzjoni ta' art fi Triq il-Fanal li ġiet rifjutata. Is-Sur Fava talab aktar informazzjoni dwar dan.

**28.4.04** Il-Viċi Sindku staqsa jekk kienx hemm progress fil-preparazzjoni ta' dokumenti għal ħruġ ta' offerti dwar l-*Embellishment* tal-pjazza u t-toroq tal-madwar. Is-Sindku wieġeb li dawn għadhom mhux lesti.

**28.04.05** Il-Viċi Sindku staqsa dwar il-gandott tal-ilma tax-xita li ser isir ħdejn il-knisja tal-Patroċinju, jekk dan hux ser jaqsam it-triq jew idur maz-zuntier. Kien hemm qbil li għandu jdur maz-zuntier biex tiġi evitata ħafna ħsara lit-triq.

## 28.5 Premju Ġieħ l-Għasri 2021 u Jum l-Għasri.

**28.5.01** Kien hemm 18 il-nomina mitfugħa. Minn dawn 15 kienu għall-istess persuna, l-Ex Kappillan Mons. Edward Xuereb. Il-Kunsilliera qablu li t-tlieta l-oħra huma kollha validi iżda jixraq li din is-sena Premju Ġieħ l-Għasri jingħata lill-Ex Kappillan peress li proprju dan ix-xahar hu temm il-ħidma tiegħu fl-Għasri. Fost ix-xogħlijiet li wettaq fl-Għasri kien hemm ir-restawr tal-faċċata tal-Knisja Parrokkjali b'fondi mill-Unjoni Ewropeja u ż-żamma tal-Bażilika tal-Patroċinju.

F'dan il-ħin is-Sindku ċempel lill-Mons. Edward Xuereb biex jinformah. Mons. Xuereb aċċetta din in-nomina.

Il-Premjazzjoni għandha ssir f'nofs jew l-aħħar ta' Ottubru wara l-Quddiesa tas-Sibt filgħaxija. Għal dan il-għan għandu jinkiteb profil tar-rebbiegħ u jinqara waqt il-premjazzjoni. Ġie ssuġġerit li jkun hemm xi kant minn xi ħadd professjonali waqt din is-serata qasira. Wara jsir riċevement fiċ-ċentru parrokkjali skont il-protokoll tal-COVID 19.

## 28.6 Milied 2021 – Tiżjin u attivitajiet.

**28.6.01** Is-segretarja staqsiet hux ser isiru attivitajiet (bħal *plays* u kant) fil-Milied. Kien hemm qbil li din is-sena ma jsirux minħabba l-pandemija.

Il-Kunsill qed jaħdem biex jsir kalendarju tas-sena 2022 bir-ritratti meħuda mir-residenti tal-Għasri. Għal dan il-għan inġabru tlett kwotazzjoni. Il-Kunsill għażel l-orħos wiehed li ġie jiswa €630.00.

Is-Segretarja ġiet informata mill-Kumitat tal-festa li huma m'għandhomx tiżjin tal-Milied għat-toroq u għandu jaħseb il-Kunsill. Il-Kunsill għandu jiġbor kwotazzjoni għal dan. Il-kwotazzjoni għandha tinkludi Triq Dun Karm Caruana, Pjazza s-Salvatur u parti minn Triq il-Fanal (sa fejn is-*Supermarket*). Il-Kumitat tal-Festa xorta ħa jieħu sehem billi jwaqfu l-arbli u jagħmlu s-siġra tal-Milied ħdejn iz-zuntier.

## 28.7 Aġġornament tal-Proġett tal-*area* ta' rikreazzjoni;

**28.7.01** Il-Kunsill irċieva korrispondenza mingħand is-*Superintendence of Cultural Heritage* u l-*Arts Council Malta* dwar l-applikazzjoni tal-Kunsill (PA/01443/21) It-tnejn li huma ma jsibux oġġezzjoni għal dan il-proġett.

Il-Kunsillier Elizabeth Mintoff informat lill-Kunsill li talbet laqgħa ma persuni nkarigati mill-Awtorita' tal-Ippjanar fi ħdan il-Ministeru għal Għawdex biex jgħinu f'dan il-permess peress li l-Kunsill huwa marbut biż-żmien minħabba fondi.

## 28. 8 Kunsiderazjoni u Approvazzjoni tal-iskeda ta' pagamenti; u

**28.8.01** Quddiem il-Kunsill tressqet l-iskeda ta' pagamenti nru 28-8 biex tkun approvata mill-Kunsill. L-iskeda kif ippreżentata ġiet aċċettata mill-Kunsill. Kopja ta' din l-iskeda qed tinhemeż mal-minuti.

## 28.9 Tmiem tal-laqgħa u data tas-seduta li jmiss.

**28.9.01** Il-laqgħa ntemmet fid-9.00 p.m. u ġiet aġġornata għal nhar il-Ġimgħa 22 ta' Ottubru fis-7:00 ta' filgħaxija.

Konfermati, il-Ġimgħa 24 ta'Settembru 2021.

| | |
|---|---|
| **IFFIRMATA** | **IFFIRMATA** |
| Dr Daniel Attard | Rita Mifsud Attard |
| Sindku | Segretarju Eżekuttiv |